MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2006

Numru 615/2006

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Simon Carabott, iben Salvatore,
imwieled Pieta' fis-26 ta' novembru, 1986

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-13 ta' mejju, 2006 jew fil-jiem ta' qabel, irċeva jew aċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal ħaddieħor bil-għan li jeżerċita xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċidi uffiċjal ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta;
2. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, wiegħed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna li tasserixxi jew tikkonferma li kienet kapaċi tagħmel xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċidu

eżaminaturi tas-sewqan impjegati ma l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, sabiex iġiegħel lil dawn l-eżaminaturi tas-sewqan jeżerċitaw dik l-influwenza.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' ottubru, 2006 fejn l-imputat ammetta t-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 121A(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------